MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 52/2003

**Maltacom plc**

**vs**

**Anthony Agius**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm228.23) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 312594 (C/N 221839 Dos 2, Dos 3), liema servizz gie installat fil-fond Flat 1, Lilibeth Flats, Triq Achille Ferris, Msida, Malta, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument 'A'.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta:

“Il-konvenut qieghed jeccepixxi illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi pruvat mil-mori tal-kawza.

Fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma preskritti skond il-ligi.”

Illi l-ewwel li jrid jikkunsidra dan it-Tribunal hija l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Il-konvenut naqas li jispecifika liema preskrizzjoni qieghed iqajjem. Gie stabbilit fil-gurisprudenza li l-Qorti ma tistax tezamina hi stess liema tip ta’ preskrizzjoni hija applikabbli; sahansitra anke meta l-konvenut ikkwota l-artiklu izda mhux ukoll is-subartiklu tal-ligi rilevanti. L-istess principju ghandu japplika ghal dan it-Tribunal li f’materja ta’ preskrizzjoni huwa marbut li jimxi strettament mal-ligi. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qieghdha tigi respinta.

Illi kwantu ghall-mertu, is-socjeta’ attrici rnexxielha tipprova l-kreditu taghha u dan minghajr ebda dubbju.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM228.23 ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku kif indikat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------